# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Nru 90

## Laqgha Annwali tal-Kommunita

**It-Tlieta 11 ta` April 2023**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fic-Centru Parrokkjali Santa Marija fi Triq il-Maghsar il-Gudja nhar it-Tlieta fil-11 ta` April 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr. Marija Sara Vella Gafà – Sindku
George Fenech – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
Audrey Amri Brincat – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Maria Micallef - Kunsilliera

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

Ghal din il-laqgha attendew hames residenti.

AĠENDA

090.1 Qari tal-Minuti tal-Aħħar Laqgħa;

090.2 Preżentazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2022;

090.3 Preżentazzjoni tar-Rapport Finanzjarju 2022;

090.4 Pjan ta` Ħidma 2023-2025;

090.5 Mistoqsijiet u Suġġerimenti.

---

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sitta u kwart ta` filgħaxija (6:15pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li s-Sinjorina M Micallef ma kinitx ser tattendi laqgha minhabba ragunijiet personali. Din it-talba giet milqugha minn dawk prezenti.

090.1 **Qari tal-Minuti tal-Aħħar Laqgħa;**

Is-Sindku Dr.Marija Sara Vella Gafa qrat il-Minuti tal-ahhar Laqgha Annwali li saret f`Dicembru 2022.

090.2 **Preżentazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2022;**

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella Gafa qrat ir-Rapport Amminstrattiv ghas-sena 2022 u l-hidma li l-Kunsill qed jippjana li ssir matul is-sena 2023.

090.3 **Preżentazzjoni tar-Rapport Finanzjarju 2022;**

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella Gafa tat spejgazzjoni tar-Rapport Finanzjarju tas-sena 2022, fejn spjegat xi dhul u spejjez saru mill-Kunsill matul is-sena 2022.

090.4 **Pjan ta` Ħidma 2023-2025;**

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella Gafa prezentat u qrat il-Pjan ta` Hidma li l-Kunsill Lokali tal-Gudja qed jiprogetta li jaghmel bejn is-sena 2023 u 2025.

090.5 **Mistoqsijiet u Suggerimenti**

Is-Sindku talbet lir-residenti prezenti sabiex jintervjenu.

Resident ghamel referenza dwar Triq De Warsbergh, fejn ghamel accen dwar il-problema tal-parkegg f`din it-triq u t-toroq tal-madwar. Dan ir-resident staqsa wkoll kif ser jghaddi traffiku minn din it-triq, fejn is-Sindku nfurmatu li huwa mahsub li traffiku ser ikun qed jghaddi kif kien mahsub. Is-Sindku ziedet tghid li ser ikun qieghed jigi mhejji traffic management holistiku fit-toroq tal-qalba ta' rahal. Ir-resident qal ukoll li hemm diversi bankini mhaffrin. Is-Sindku spjegat li f`din it-triq ser isiru xoghlijiet infrastrutturali minn IM fil-jiem li gejjin.

Resident iehor ghamel referenza ghall-progett ta` pavimentar fi Triq Santa Katerina, fejn spjega li ghandu inkonvenjent sabiex jdahhal il-karozza fil-garaxx tieghu.

Residenta ohra ghamlet referenza ghal Triq iz-Zebbuga peress li tinsab fi stat mhux tajjeb. Is-Sindku spjegat li din it-triq hija ppjanata fi zmien qasir minn IM.

Resident iehor ghamel referenza dwar il-possibilita li ssir ir-Ring Road minn Vjal it-Torri biex titaffa l-problema ta` traffiku ghall-Gudjani.

Resident iehor ghamel referenza ghal Triq Burglat, il-parti fejn saret bil-konkos u thalli materjal ta` xahx li parti minnu spicca ngarr ghal gol-bir tieghu. Dan ir-resident qal li l-konkos sar pied `il boghod mill-hitan tas-sejjieh. Dan ir-resident issugerriexa sabiex fil-gibjun ta` Dawret il-Gudja jitnaddaf u jithawwel kollu sigar tal-laring li minnu jisghtu jgawdu resident Gudjani.

Is-Sindku rringrazzjat lir-residenti kollha li attendew ghal din il-laqgha.

**Tmiem tal-laqgħa**

Il-Laqgha ntemmet fis-sebgha ta` filghaxija (7:00pm).

Konfermati, illum It-Tlieta 23 ta' Mejju 2023

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella Gafà
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv